Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,512, 26 ta' Settembru, 2025
Taqsima A

MALTA

ATT Nru XXXI tal-2025

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT sabiex ikompli jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kap. 452.

ACT No. XXXI of 2025

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to further amend the Employment and Industrial Relations Act, Cap. 452.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **MYRIAM SPITERI DEBONO**
President

26 ta' Settembru, 2025

ATT Nru XXXI tal-2025

ATT sabiex ikompli jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kap. 452.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

Kap. 452.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2025 li jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Emenda Nru 2) u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ l-"Att prinċipali".

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2025.

Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

2. Fl-artikolu 2 tal-Att prinċipali minnufih wara t-tifsira "assoċjazzjoni ta' prinċipali" għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

Kap. 217.

""ċittadin ta' pajjiż terz" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 2 tal-Att dwar l-Immigrazzjoni;".

A 680

Emenda tal-artikolu 11 tal-Att prinċipali.

3. Fil-proviso għas-subartikolu (1) tal-artikolu 11 tal-Att prinċipali l-kliem "impjegat interessat." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "impjegat interessat:" u minnufih wara għandu jiġi miżjud l-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll kwalunkwe pagi miksuba minn jew pagabbli lil ċittadin ta' pajjiż terz għandhom jitħallsu esklussivament permezz ta' trasferiment bankarju f'kont miżmum f'isem l-impjegat jew permezz ta' trasferiment elettroniku ffaċilitat minn istituzzjoni finanzjarja akkreditata u liċenzjata. Dan ir-rekwiżit għandu japplika għaċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi li l-impjieg tagħhom jibda fl-1 ta' Ottubru 2025 jew sussegwentement.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 379 tal-24 ta' Settembru, 2025.

DAVID AGIUS
Deputy Speaker

ELEANOR SCERRI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati

I assent.

(L.S.) **MYRIAM SPITERI DEBONO**
President

26th September, 2025

ACT No. XXXI of 2025

AN ACT to further amend the Employment and Industrial Relations Act, Cap. 452.

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:

Short title and commencement.

Cap. 452.

1. (1) The short title of this Act is the Employment and Industrial Relations (Amendment No. 2) Act, 2025 and this Act shall be read and construed as one with the Employment and Industrial Relations Act, hereinafter referred to as the "principal Act".

(2) The provisions of this Act shall come into force on 1st October 2025.

Amendment of article 2 of the principal Act.

2. In article 2 of the principal Act immediately after the definition "temporary work agency" there shall be added the following new definition:

Cap. 217.

""third-country national" shall have the same meaning as assigned to it in article 2 of the Immigration Act;".

Amendment of article 11 of the principal Act.

3. In the proviso to sub-article (1) of article 11 of the principal Act the words "employee concerned." shall be substituted by the words

"employee concerned:" and immediately thereafter there shall be added the following new proviso:

"Provided further that any wages earned by or payable to a third-country national shall be paid exclusively by means of a bank transfer to an account held in the name of the employee or through an electronic transfer facilitated by an accredited and licensed financial institution. This requirement shall apply to all third-country nationals whose employment commences on 1st October 2025 or subsequently.".

Passed by the House of Representatives at Sitting No. 379 of the 24th September, 2025.

DAVID AGIUS
Deputy Speaker

ELEANOR SCERRI
Clerk of the House of Representatives

VERŻJONI ELETTRONIKA

VERŻJONI ELETTRONIKA

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC — *Printed at the Government Printing Press on FSC certified paper*

Prezz/*Price*
€0.36